*Arkeoloġija*

# Ħwat fil-Blat

*© Mario Vassallo 2010*

Dawn l-aħħar ftit snin beda jiġi osservat u studju suġġett ta' interess arkeoloġiku li qatt ma kien ġie nnutat fil-gżejjer Maltin. Qiegħed nirreferi għal sistemi ta' ħwat imħaffrin fil-blat li jinsabu mxerrdin f'xi lokalitajiet ta' Malta u Għawdex.

L-ewwel ma jissemmew kienu fl-1946 meta kien ġie ppubblikat rapport minn Charles Zammit u Hugh Braun li juri lista ta' monumenti storiċi u arkeoloġiċi li għandhom jiġu protetti milli jinqerdu. Taħt it-titlu *'Monumenti li ma jistgħux jiġu Klassifikati'* kien hemm lista ta' ħames postijiet bi ħwat imħaffrin fil-blat fl-inħawi tax-Xewkija Għawdex.

Kurjużi ħafna l-fatt li dawn il-ħwat qatt ma kienu ssemmew fil-kitbiet mill-istoriċi ta' matul is-snin, bħal ngħidu aħna Ġian Franġisk Abela (l-ewwel nofs tas-seklu 17) u Sir Temi Zammit (Seklu 20)

Ġara, li fuq bażi ta' dan ir-rapport, is-Sinjuri Carol J. Jaccarini u Maurice N. Cauchi għamlu tiftix u riċerka fl-inħawi tax-Xewkija, Għawdex, biex jaraw x'setgħu kienu dawn il-ħwat li kienu qishom minsija minn kulħadd.[1]

Wara li kienu għamlu investigazzjoni bir-reqqa fl-inħawi, huma taw ir-riżultat li kisbu permezz ta' rapport li ġie ippubblikat fl-1999. Fir-rapport jidher li huma sabu sitt sistemi ta' ħwat u kien hemm tlieta oħra dubjużi. Fil-bażi tagħhom dawn il-ħwat kienu jikkonsistu f'ħawt baxx x'aktarx kwadru jew rettangulari mħaffer fil-blat li kellu l-qiegħ tiegħu ixaqleb lejn ieħor maġenbu x'aktarx fit-tond jew ovali u fond iżjed mill-kwadru. Bejniethom kienikun hemm toqba mħaffra wkoll fil-blat biex tniffed il-ħawt il-kwadru mat-tond. Madwar xi wħud minnhom kien hemm ukoll numru ta' ħofor żgħar li kienu jinfdu jew mal-ħawt il-kwadru jew mat-tond. Sa dakinhar li ħareġ dan ir-rapport, ma kienux magħrufin aktar postijiet bil-ħwat ħlief għal wieħed in-naħa tad-Dwejra, San Lawrenz Għawdex u ieħor fl-inħawi tal-Imnajdra u Ħaġar Qim. *(Ritratt 1)*



## Madwar l-Imġarr

Sadanittant, meta sirt naf b'dawn il-ħwat ġietni l-kurżità jekk fl-inħawi tal-Imġarr setgħax kien hawn minn din il-kwalità ta' fdalijiet u kien għalhekk li bdejt nistaqsi lil xi wħud. Kien fl-2005, meta sirt naf li fl-inħawi tal-Lippija kien hemm xi żewġ sistemi ta' ħwat ftit differenti minn tax-Xewkija.[2] Fil-fatt, l-ewwel sistema tikkonsisti f'ħawt kwadru li jinfed ma' ieħor kwadru wkoll imma iżjed fond. Imbagħad, in-naħa l-oħra tal-ħawt il-fond hemm ħawt ieħor baxx (għalkemm ftit imkisser) li wkoll jinfed mal-fond. *(Ritratt 2)*



It-tieni sistema ta' ħwat tal-Lippija tidher minnha l-ħwat il-fond biss. Il-kwadru li jkun jinfed miegħu jew jinsab mgħotti minn borġ ġebel li hemm jew inkella forsi ġie mkisser minn daqqiet ta' baqqun li jidhru li hemm fl-inħawi. *(Ritratt 3)*



Fl-istess żmien sirt naf li fl-inħawi magħrufin It-Tafal, Binġemma, ukoll hemm minn dawnit-tip ta' ħwat.[3] L-ewwel sistema tinsab magħmula fuq tarf ta' blata, u tikkonsisti f'ħawt baxx ta' għamla kwadra li jinfed ma' ieħor iktar fond ta' għamla tond. Hemm ukoll ħofra żgħira li tinfed mat-tond. Interessanti ħafna huma tliet ħofriet fl-istess blata li jdawwru din is-sistema ta' hwat. *(Ritratt 4)*



It-tieni sistema tinsab ukoll fuq blata kbira imma matul iż–żmien iċaqalqet minn postha bir-riżultat li llum tinsab immejla. Din tikkonsisti wkoll f'ħawt baxx kwadru li jinfed ma' ieħor f'livell baxxa minnu ta'forma ovali. Minn dan tal-aħħar jidhru mħaffrin tliet kanali żgħar li jagħtu għat-tarf tal-istess blata. Fuq livell aktar għoli u jinfdu mal-ħawt il-kwadru hemm tliet ħofriet li jinfdu minn waħda għal oħra wkoll. *(Ritratt 5)*



Fl-istess inħawi hemm sistema oħra ta' ħwat li tikkonsisti f'ħawt rettangulari mqatta' fil-blat bejn ħajt tas-sejjieħ u l-ħamrija ta' għalqa. Dan jinfed għal ma xi ħawt ieħor f'livell aktar baxx minnu li iżda ma jistax jidher għax jinsab mogħti bil-ħamrija. Maġenb dan il-ħawt hemm ieħor li jinfed għal ma ħofra żgħira u jerġa' jinfed għall-ħawt li jinsab mgħotti bil-ħamrija. *(Ritratt 6)*



Minbarra dawn sirt naf li hawn tliet sistemi oħra ta' ħwat fl-inħawi tal-Imġarr. Wieħed jinsab fl-inħawi tal-kappella ta' Binġemma, l-ieħor fl-inħawi ta' Skorba u l-ieħor bejn iż–Żebbiegħ u l-Bidnija.[4] Mhux eskluż li jista' jkun hawn oħrajn.

## Madwar il-Mediteran

Minn studji u referenzi li qegħdin jiġu ippubblikati dawn l-aħħar snin, qiegħed isir aktar magħruf li dawn is-sistemi ta' ħwat jinsabu wkoll fl-artijiet ta' madwar il-Mediterran. Hekk insibu minnhom fi Sqallija, fir-reġjun ta' Kalabrija fl-Italja ta' Isfel, fil-Greċja, fit-Turkija, fis-Sirja, fil-Palestina, fl-Iżrael u anke fl-Eġittu. U jekk sirna nafu bihom

fil-Gżejjer Maltin f'dawn l-aħħar snin, mhux hekk jista' jingħad għal dawk li jinsabu f'pajjiżi oħra.

## Oriġini u użu tagħhom

Fil-fatt hu magħruf li dawn il-ħwat kienu diġà jeżistu mijiet ta' snin qabel Kristu, speċjalment fil-pajjiżi tal-lvant tal-Mediterran. L-istudjużi jgħidulna li dawn il-ħwat kienu ġew magħmula prinċiparjament jew għall-għasir tal-gheneb jew taż-żebbuġ. Sar magħruf ukoll li f'xi postijiet kienu baqgħu jintużaw għall-għasir tal-għeneb anke sa nofs is-seklu għoxrin. Iżda mhux l-istess jista' jingħad għal dawk li jinsabu fil-Gżejjer Maltin. Minħabba li l-istudju dwarhom għadu fil-bidunett u wkoll minħabba li ħadd ma jiftakar l-użu tagħhom għadu mhux magħruf jekk humiex ta' oriġini antika, bħal dawk ta' pajjiżi oħra, inkella ta' xi żminijiet eqreb lejna. Allura wieħed jistaqsi imma kif kien isir ix-xogħol tal-għasir?

L-għasir tal-għeneb kien isir billi l-għeneb maqtugħ jitqiegħed ġol-ħawt il-baxx ta' forma kwadru jew rettangulari. Imbagħad kien jingħasaf bis-saqajn u l-meraq li joħroġ minnu kien jgħaddi mit-toqba u jinżel ġol-ħawt l-ieħor li kien ikun f'livell aktar baxx u aktar fond. Minn hemm il-meraq tal-għeneb kien jinġabar ġol-ġarar biex isir inbid. Jista' jkun li l-ħofor li ġieli kien ikun hemm madwar il-ħwat (hemm eżempju tajjeb f'wieħed mill-ħwat ta' Binġemma) kienu jintużaw biex jitwaqqaf bħal sapport bl-injam biex min ikun jagħsar isserraħ miegħu u b'hekk jagħmel aktar saħħa. Iżda, minħabba li għad irid isir aktar studju dwar dan is-suġġett jista' jkun ukoll li dawn il-ħofor tħaffru fi żminijiet differenti mill-ħwat u forsi setgħu intużaw għall-bżonnijiet oħra. *(Figura 1)*




Wara li l-għeneb ikun ingħasar bis-saqajn x'aktarx li jkun għad baqagħlu xi ftit meraq ġo fih u għalhekk kien ikun meħtieġ li dan jerġa' jiġi ippressat biex ma jintilef xejn mill-meraq. Għalhekk, fuq l-għeneb li kien ikun fil-ħawt il-baxx, kienet titqiegħed injama li tgħatti l-ħawt jew biċċa minnu, li kienet tkun imwaħħla ma' lasta. It-tarf tal-lasta kien jiddaħħal fil-ħofra li kien ikun hemm wara l-ħawt biex iżżomm postha filwaqt li mat-tarf l-ieħor tal-lasta kienet tintrabat ġebla biex iżżid il-piż fuq l-għeneb. Dan ix-xogħol illum isir bl-għajnuna ta' stringitur. *(Figura 2)*




Ta' min jgħid li l-ħwat li jinsabu fl-inħawi tal-Imġarr[5] żiedu jikkonfermaw li dawn x'aktarx saru aktar għall-għasir tal-għeneb milli għal ħaġ'oħra. Dan minħabba l-fatt li teżisti l-ħofra fil-blat wara l-ħawt il-kbir li kienet isservi biex titqiegħed il-lasta bil-piż.

Dwar l-oriġini antika tal-ħwat, l-istudjużi jagħtuna diversi referenzi minn kitbiet antiki, fosthom silta mill-vanġelu stess. Kulħadd jaf kemm Sidna Ġesù Kristu kien iħobb jgħallem u jispjega lin-nies bil-parabboli u b'suġġetti mill-ħajja ta' kuljum li kienu jifhmuhom faċilment. Għalhekk kien jitkellem dwar ir-rgħajja u l-merħliet tan-ngħaġ, dwar siġar tat-tin u dwar id-dwieli u l-kura tagħhom. Hekk insibuh jgħid il-parabbola tal-għalqa tad-dwieli u l-bdiewa., "kien hemm wieħed, sid ta' għalqa, u ħawwilha bid-dwieli, tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha, ***ħaffer magħsar fiha*** u bnielha torri..." (Mattew 21 vers 33) Hawnhekk jidher ċar li Ġesù kien qiegħed jirreferi għas-sistemi tal-ħwat li kienu jservu ta' magħsar u li kienu komuni ħafna dak iż–żmien. Ma jagħmilx sens jekk wieħed jaħseb li xi ħadd iħaffer magħsar tal-għeneb billi jagħmel ħofra fil-ħamrija. Silta oħra tixbaħha insibuha fil-ktieb tal-profeta Isaija. (Isaija 5 vers 1-7)

## Għeluq

Is-sejbien u l-għarfien ta' dawn il-ħwat ikomplu jżidu mal-lista diġà twila u varjata ta' fdalijiet arkeoloġiċi li jinsabu kemm fil-Gżejjer Maltin kif ukoll ta' interess akbar għalina fl-inħawi tal-Imġarr. Dawn il-fdalijiet ikomplu juru biċ-ċar kemm dawn l-inħawi baqgħu jiġu u żati u mfittxija mhux għal skop ta' abitazzjoni biss imma wkoll għall-ħidma agrikola. Dawn il-ħwat fil-blat huma evidenza qawwija ta' kemm imur lura fiż-żmien l-għarfien tat-tkabbir tal-għeneb u l-għasir tal-inbid fost affarijiet oħra.

Ħajr lil kull min tagħti xi informazzjoni u lil Dr. Dennis Mizzi għall-għajnuna siewja tiegħu.

**Referenzi**

[1] Carol J. Jaccarini and Maurice N. Cauchi, 'The Enigmatic Rock-cut Pans of Mġarr ix-Xini' Melita Historica no 12, 1999
[2] Dawn il-ħwat kien qalli bihom u wrihomli s-Sur Dumink Schembri
[3] Dawn il-ħwat jinsabu fl-għelieqi tas-Sur Ċensu Vella. Kont rajthom flimkien miegħu.
[4] Il-ħawt fl-inħawi tal-kappella qalli bih is-Sur John Paul Bugeja, dak ta' Skorba, is-Sur Michael Vella u l-ieħor sibtu jien.
[5] Min ikollu xi tagħrif dwar xi ħwat u jogħġbu jgħaddihuli jikkuntattjani fuq 21574636

# Statwa ta' barra l-ġdida



Fl-okkażjoni tas-sittin sena minn meta l-Papa Piju XII 1 ta' Novembru 1950 ipproklama bħala verità ta' fidi li l-Verġni Marija telgħet is-Sema bir-ruħ kif ukoll bil-ġisem, jien xtaqt li nagħmlu statwa ta' barra li tirrappreżenta dan kollu. Din hija xogħol fil-kartapesta ta' Shawn Saliba li wara li għamel abozz beda x-xogħol fuqha. Kellu wkoll l-għajnuna ta' ħuh Ritchie Saliba li ħadem il-ħadid tal-fidi, kif ukoll ta' Michael Attard il-pedati tal-anġli filwaqt li Alan Scerri ħadem il-pedata tal-istatwa prinċipali flimkien mas-salib tagħha, id-ditta Aquilina ta' Ħal Qormi qeda taħdem ir-raġġiera u l-kalċi fil-metall li huma parti minn din l-istatwa. Din turi allegorija tal-fidi li fiha żżomm il-kalċi simbolu tal-Ewkaristija u s-salib is-sinjal tal-Insara filwaqt li ż-żewġ anġli jżommu x-xbieha tal-Papa Piju XII. Permezz tal-envelops li tqassmu fi Frar inġabru €1900 għal din l-istatwa li tiswa €5000, meta titħallas kollha ngħaddu għat-tieni biċċa li tkun il-pedestall, nittamaw li nlestu kollox sal-2012 fl-okkażjoni tad-90 Sena minn meta l-istatwa titulari ta' Santa Marija waslet fl-Imġarr.



**VASSALLO SELF SERVICE**
Main Street, Mġarr • Tel: 21579357
***Fruit & Vegetable Grocery including varieties of dry and salted foods (tonn mielaħ, inċova)***
**Monday to Saturday from 7.00 - 12.00 and from 15.00 - 19.00**